Mellieħa

20 ta' Lulju 2021

# IT-TMIEN KUNSILL

### AĠENDA Numru 29

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fl-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **29** li ser issir b'mod virtwali permezz ta' Teams nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju 2021 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

### AĠENDA

29.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

29.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

29.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

29.4. Mozzjoni dwar l-Istqarrijiet Finanzjarji 2020 awditjati;

29.5. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għall-ħolqien ta' *mobile app* għall-promozzjoni ta' postijiet ta' interess fil-lokalità tal-Mellieħa

29.6. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi;

29.7. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

## MOZZJONIJIET

29.4. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:

*"Billi l-udituri talbu li jsiru aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2020 li diġa ġew approvati mill-Kunsill fis-seduta Nru. 23 tal-25 ta' Frar 2021; u*

*Billi t-tibdil li sar fl-Istqarrijiet Finanzjarji oriġinali għas-Sena 2020, ġew spjegati fid-dettal permezz ta' skeda li ġiet mgħoddija mill-istess udituri;*

*Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Uditur Generali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".* *(F/1/2/Vol VIII)*

Dario Vella
Sindku – Proponent

Ivan Castillo
Kunsillier – Sekondant

29.5. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg li tgħid:

*"Billi saret sejħa għal kwotazzjonijiet MLC 2/2021, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi l-ħolqien ta' mobile app għall-promozzjoni ta' postijiet ta' interess fil-Lokalità tal-Mellieħa, b'rabta mal-proġett MAGF/M3/004;*

*Billi sar rapport tekniku mill-konsulent inkarigat mill-Kunsill datat 16 ta' Ġunju 2021, kif ukoll saret evalwazzjoni mill-Kumitat tal-Evalwaturi tal-erba' kwotazzjonijiet sottomessi, assistita minn kampjuni u kjarifiki mitluba mingħand l-offerent Webee Ltd, skont il-minuti tal-istess kumitat tal-1, 8, u 19 ta' Lulju 2021; u*

*Billi l-ftehim tal-għotja li sar mal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral jipprovdi fondi biżżejjed taħt il-Miżura 3 tal-Fond Agikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Webee Ltd, li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bl-inqas offerta finanzjarja.".* *(P/10/38)*

John Buttigieg
Viċi Sindku – Proponent

Emvin Bartolo
Kunsillier – Sekondant